MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2001

Numru 551/2000

**Il-Pulizija
(Sp. Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**John Mary Mifsud ta' 45 sena, iben Emanuel u Giovanna nee Muscat, mwieled Pieta' fit-13 ta' Gunju 1955 u residenti 'St. John', Triq Gammari Camilleri, Mgarr, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 466355(M).**

**Angelo Muscat ta' 33 sena iben James u Theresa nee Vella, mwieled Pieta' nhar id-29.05.67 u residenti 'Corner House', Triq San Piju, Mgarr, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 223867(M)**

**Illum 25 ta’ Lulju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija John Mary Mifsud u Angelo Muscat li gew akkuzati talli nhar it-13 ta’ Settembru, 1999 ghall-habta tas-7.30 ta’ filghodu fil-post maghruf bhala ‘Tal-Halqum’, Limiti ta’ l-Imgarr, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe dak ta’ serq ta’ ilma, liema tentattiv ta’ serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-lok, liema delitt ma giex esegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom ai termin ta’ l-Artikoli 41(1) (a), 261, 263, 264 (1) u 269 (c).

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jigu decizi b’mod sommarju (a fol 16).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Illi kif ben jirrizulta mill-provi prodotti Angelo Muscat tqabbad minn John Mary Mifsud biex ihaffer borehole u dan b’ammissjoni ta’ l-istess John Mary Mifsud meta nghata d-debita twissija ghazel li jixhed fl-Inkjesta Magisterjali a fol 16 tal-Proces Verbal.

Irrizulta wkoll illi l-Korporazzjoni ta’ l-Ilma ma tat, anzi ma tohrog ebda permess ghal tali thaffir ta’ l-ilma.

Rat l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 partikolarment fejn jitkellem dwar “ … fil-kaz ta’ l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan l-ilma…”

Rat ukoll l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9 kif ukoll l-art 261, 263, 264 ta' l-imsemmi Kap, issibhom hatja ta' reat ta' serq kif aggravat, rat il-fedina penali ta' l-imputati u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat fi zmien tliet snin mil-llum u dan wara li rat l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Magistrat Miriam Hayman LL. D.